**21 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Angelo Buttigieg**

**Ħalib — "Milk Marketing Undertaking" — Art. 25 tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-eċċezzjoni ta' min huwa mputat li biegħ lill-"Milk Marketing Undertaking" ħalib imħaffef bl-ilma, fis-sens illi xi ilma li seta' kien hemm fil-ħalib seta' nxteħet inavvertitament mid-dipendenti tiegħu, mhix ammissibbli; għaliex ir-responsabbiltà tiegħu bħala fornitur tal-ħalib lid-Dipartiment tibqa' in forza tal-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali.*

*L-impossibbiltà li tiġi prevenuta mill-prinċipal il-kontravvenzjoni tad-dipendent hija dik assoluta, u mhux dik relattiva, b'mod li tkun tammonta għal "vis major."*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Angelo Buttiġieġ, talli fit-3 ta' Diċembru 1958, fil-limiti ta' Tarxien, Zabbar Depot, Milk-Marketing Undertaking, żamm għall-bejgħ u biegħ ħalib imħaffef bl-ilma; u billi huwa kien misjub ħati għal darba oħra tal-istess reat, il-Prosekuzzjoni talbet li l-Qorti tagħti l-piena ndikata għall-ksur tad-dispożizzjoni tal-art. 181 Kap. 54 kif ġie mibdul bl-att XXVIII tal-1949;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Jannar 1959, li biha sabitu ħati u kkundannatu £50 multa;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-eċċezzjoni illi xi ilma seta' nxteħet fil-ħalib inavvertentement mid-dipendenti tal-imputat mhijiex ammissibbli; għaliex ir-responsabbiltà tiegħu bħala fornitur tal-ħalib lid-Dipartiment tibqa' in forza tal-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali;

L-impossibbiltà li tiġi prevenuta mill-prinċipal il-kontravvenzjoni tad-dipendent hija, kif ġie deċiż, dik assoluta, u mhux relattiva, b'mod li tkun tammonta għal "vis major" (Appell Kriminali "Pulizija vs. Ciantar" 28. 6.'58) — dak li ma hux il-każ fl-appell preżenti;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tirrespingi s-sentenza appellata, bi żmien xahar għall-ħlas.